# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **26 TA' AWWISSU 2018**

**Ġimgħa mal-komunità ta Taizé**

Nawguraw lill-grupp ta' 13-il persuna mill-parroċċa tagħna li flimkien ma' Fr Luke, ser jagħmlu esperjenza ta' ġimgħa mal-komunità ta' Taizé fi Franza. Nawgurawlhom u nitolbu għalihom.

**Għoti ta' Demm**

Il-Ħadd 26 ta' Awwissu 2018 bejn it-8:00am u s-1:00pm se jsir l-għoti tad-demm fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġiġkom sabiex immorru nagħtu d-demm u aħna mitlubin nieħdu magħna l-ID Card.

**Kummissjoni Djakonija**

It-Tnejn 27 ta' Awwissu 2018 fis-7:00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fis-Sala Sant'Anna.

**Quddiesa fit-9:00am**

Nhar ta' Erbgħa matul ix-xhur ta' Awwissu fil-Knisja Parrokkjali ser ikollna quddiesa fid-9:00am. Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-vaganzi tas-sajf insibu ħin għal Ġesù.

**Kummissjoni Kateketika**

Il-Ġimgħa 31 ta' Awwissu 2018 fl-4.30pm tiltaqa' l-Kummissjoni Kateketika fis-Sala Sant'Anna.

**Jum Wied il-Għajn 2018**

Il-Ħadd 2 ta' Settembru 2018 huwa Jum Wied il-Għajn. Fid-9:15am quddiesa u wara l-quddiesa ikollna t-tberik tal-annimali quddiem il-knisja.

**Adorazzjoni tal-Ewwel Ħamis tax-Xahar**

Il-Ħamis 6 ta' Settembru 2018 ġejna mistiedna bħala parroċċa biex nanimaw quddiesa u adorazzjoni għall-bżonnijiet tas-seminaristi bejn id-9:30am u l-11:00am fis-Seminarju tal-Arċisqof ir-Rabat. Inħeġġukom sabiex nattendu u min jixtieq jitla' magħna bit-trasport jikteb ismu fis-sagristija sa nhar it-Tlieta. Tluq minn quddiem Sala Sant'Anna fit-8:30am.